VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,094, 27 ta' Novembru, 2018
Taqsima B

A.L. 400 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Music – M.Mus. – taħt il-patroċinju tal-Iskola tal-Arti Performattiva

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Iskola tal-Arti Performattiva bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 7(b)(v) tal-Istatut tal-Iskola, u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Music – M.Mus. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Music – M.Mus. - taħt il-patroċinju tal-Iskola tal-Arti Performattiva, ippubblikati bħala Avviż Legali 41 tal-2014, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2018 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 10 tal-ordinament prinċipali għandu jidħol dan:

"10. (1) Fil-qasam ta' speċjalizazzjoni tal-kompożizzjoni, il-*portfolio* tal-kompożizzjonijiet u d-dissertazzjoni għall-Grad għandhom ikunu eżaminati minn Bord tal-Eżaminaturi maħtur għal dan il-għan mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord skont ir-Regolamenti Prinċipali. Il-*portfolio* tal-kompożizzjonijiet, li għandu jkun twil bejn it-30 u l-40 minuta, u d-dissertazzjoni huma assenjati 80 krettu ECTS."